**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**
***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 11 TA' GUNJU, 2002

**Numru: 1**

**Avviz Nru: 71/02AE**

**Anthony Pandolfino ghan-nom Ta' Pandy's Riding School Co Ltd**

**Vs**

**Michael Spiteri**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici qeghda titlob il-hlas tas-somma ta' mija u disgha u sittin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm169.20), hlas dovut u li jirraprezenta bilanc ta' prezz ghal servizzi rezi gewwa l-istalel tal-attur nomine.

Ra r-risposta li giet prezentata mill-konvenut u li permezz taghha ecepixxa:

(1) Illi m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta attrici.

(2) Illi s-socjeta attrici ghandha tindika n-natura ta' servizzi li tippretendi li pprestat lill-konvenut.

Ra l-provvediment moghti fil-11 ta' April 2002 u li permezz tieghu gie stabbilit perjodu ta' xahar sabiex il-konvenut jipprocedi b'azzjoni separata quddiem il-Qorti kompetenti fir-rigward ta' l-ewwel eccezzjoni.

Ra li in segwitu ghall-provvediment tal-11 ta' April 2002 il-konvenut ma ntavolax proceduri fil-konfront tas-socjeta attrici.

Semgha x-xhieda li tressqu mill-partijiet.
Ikkunsidra:

1. Il-konvenut huwa propjetarju ta' ziemel li jzomm gewwa Pandy's Riding School, St. Andrew's flimkien ma' ziemel iehor li huwa propjeta ta' terzi.

2. Ir-rapprezentant tas-socjeta attrici ddikjara li z-ziemel tal-konvenut qieghed jinzamm gewwa Pandy's Riding School, St.

Andrew's u li l-konvenut qieghed jinghata servizz li jissejjah *basic livery*. Dan is-servizz, fi kliem Anthony Pandolfino, jikkonsisti sempliciment fil-fatt li tigi provduta stalla fejn il-konvenut izomm iz-ziemel. Ghal dan is-servizz qieghed jintalab hlas ta' tletin lira Maltija (Lm30) ghal kull xahar.

3. Is-socjeta attrici qeghda tippretendi l-hlas ta' mija u disghajn lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm169.20):

(a) Ghall-uzu ta' l-istalla;

(b) Sehem il-konvenut ghall-konsum ta' dawl u ilma, liema servizz jinsab fl-istalla li l-konvenut qieghed juza.

4. Fir-rigward ta' l-ewwel eccezzjoni, il-konvenut naqas milli jintavola proceduri quddiem il-Qorti kompetenti. B'hekk bl-agir tieghu gie li rrinunzja ghal din l-eccezzjoni. Kif tajjeb inghad mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Blye Engineering Co Ltd vs Theresa Attard** deciza fit-13 ta' Lulju 2001, *"Una volta l-konvenuta naqset li tipprocedi skond kif lilha ordnat fiz-zmien perentorju lilha moghti, t-Tribunal kellu jqis li hi* ***<u>kienet irrinunzjat ghal dik l-eccezzjoni</u>*** *u konsegwentement kellu jghaddi biex jiehu konjizzjoni u jiddeciedi l-mertu kif dedott li certament kien jaqa' fil-*

*kompetenza tieghu"*. Fic-cirkostanzi, it-Tribunal ma jistax jiehu konjizzjoni ta' din l-eccezzjoni.

5. Fir-rigward tal-meritu, mill-provi rrizulta li:

(a) L-istalla in kwistjoni hija wzata minn zewgt izwiemel u wiehed biss huwa propjeta tal-konvenut.

(b) Li l-konvenut kien jaghmel hlas lis-socjeta attrici ghall-uzu ta' l-istalla.

(c) Il-hlas ghall-uzu ta' din l-istalla kien ta' hmistax-il lira Maltija (Lm15) kull xahar (xhieda ta' Anthony Pandolfino moghtija fis-seduta tal-4 ta' April 2002).

(d) Fl-istalla hemm ukoll id-dawl (li jikkonsisti f'tubu) u jsir uzu mill-ilma. Il-konvenut xehed li minn Settembru 2001 l-ilma qeghdin igibuh minn band'ohra.

(e) Mill-invoice li gie pprezentat mis-socjeta attrici (Dok. AP1) jirrizulta li qieghed jintalab il-hlas ta':

1. Lm120 ghax-xhur ta' Gunju sa Settembru 2001.

2. Lm49.22 ghall-konsum ta' dawl u ilma li jkopri l-perjodu sas-27 ta' Gunju 2001 (ara Dok. AP1).

6. Fil-kors tal-proceduri, il-konvenut [tramite l-avukat difensur tieghu] argumenta li t-talba kif dedotta ma setatx tigi milqugha stante li s-socjeta attrici ma kienet qeghda toffri l-ebda servizz ta' *livery*. Jibda biex jinghad li fl-avviz tat-talba, jinghad li l-hlas qieghed jintalab *"ghal servizzi rezi gewwa l-istalet tal-attur nomine"*. Dan apparti l-fatt li l-proceduri quddiem it-Tribunal ghat-Talbiet Zghar huma min-natura taghhom ta' natura informali. It-Tribunal jaghmel riferenza ghall-Artikolu 213 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) li jipprovdi:

*"Fl-ewwel grad, fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-gurisdizzjoni taghha inferjuri, jekk ma tigix ippruvata t-talba kif imfissra fic-citazzjoni, izda jigi ppruvat jedd iehor ghad li dan il-jedd l-iehor ma jkunx jidhol sewwa fit-talba originali, il-qorti tista' tiddecidi fuq dan il-jedd l-iehor kif ikun gie hekk ippruvat, fuq l-istess citazzjoni"*.

Artikolu li huwa ntiz li jnehhi l-formalizmu zejjed mill-proceduri li jinstemghu quddiem il-Qrati Inferjuri u jizgura l-ekonomija tal-gudizzji. Ghalkemm fl-Att V ta' l-1995 (li bih gie kostitwit it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar) ma nsibux provvediment li bih l-Artikolu 213 sar applikabbli ghall-

proceduri quddiem it-Tribunal, m'hemm xejn fil-ligi li jzomm lit-Tribunal milli japplika l-principju hemm enuncjat. Wiehed ma jistax jinsa skond l-Artikolu 7 tal-att principali jiddisponi li t-Tribunal ghandu jaqta' l-kazijiet quddiemu *"principalment skond l-ekwita"*. Il-Qorti ta' l-Appell, fil-kawza fl-ismijiet **RMF Limited vs Joseph Vella** deciza fid-9 ta' Mejju 1997, kellha l-opportunita tiddikjara li: ***"hu car illi l-informalita' u s-sommarjeta' quddiem it-Tribunal tat-Talbiet Zghar jipprexindi mill-formalitajiet mehtiega quddiem il-qrati ordinarji"***.

7. Fir-rigward tal-hlas ghall-uzu ta' l-istalla l-ammont pretiz huwa eccessiv. Dan peress li mill-provi rrizulta li l-istalla qeghda tintuza wkoll minn terza persuna. Ghalhekk is-somma ta' Lm30 fix-xahar ghandha tinqasam bejn tnejn u l-ammont dovut mill-konvenut huwa ta' Lm60 ghall-perjodu minn Gunju sa Settembru 2001. Fir-rigward tal-konsum ta' dawl u ilma, it-Tribunal huwa tal-fehma li ghall-istess ragunijiet ikun gust u ekwu li anke din is-somma tinqasam bin-nofs.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erbgha u tmenin lira Maltija u wiehed u sittin centezmu (Lm84.61).

Bl-ispejjez (mhux inkluzi d-drittijiet legali) kontra l-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**

**Gudikatur.**